MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**FRANCO DEPASQUALE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2135/1998/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**Parnis England Trucking Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-21 ta’ Ottubru 1998 fejn gie premess:-

Illi skond ir-regolamenti u l-ligijiet vigenti, u l-ftehim ta’ kera u servizz ta’ telephone bejn is-socjeta` konvenuta u t-Telemalta Corporation (Ara Dokument A), is-socjeta` konvenuta hija debitrici versu s-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta’ tlettax-il elf hames mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm13523.00) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telex numru 1887;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez u kera in konnessjoni mas-servizz tat-telex, kif indikati fil-prospett anness (Dokument B);

Illi minkejja li interpellata thallas l-ammont dovut, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi d-debitur hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba attrici;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

2. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Procedura Civili;

3. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta debitrici versu s-socjeta` attrici fis-somma ta' tlettax-il elf hames mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm13,523);

4. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlettax-il elf hames mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm13,523) rapprezentanti kera, servizz u spejjez dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telex numru 1887 ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Mejju 1998, u bl-imghaxijiet legali kalkolati mid-data tal-kontijiet relattivi kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' J. P. Busuttil in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikata, u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-14 ta' Dicembru 1998 tas-socjeta` konvenuta, li l-Qorti kienet awtorizzatha tipprezenta fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 1998 wara li rat l-atti u semghet lid-difensuri, fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament illi l-kumpanija attrici trid tipprova li hija giet surrogata fil- jew assenjata d-drittijiet tat-Telemalta Corporation;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza fit-13 ta’ April il-kumpanija kienet talbet li s-servizz tat-telex in kwistjoni jigi trasferit lill-kumpanija Kama Malta Shipping u konsegwentement l- “answer back” tal-kumpanija jinqaleb f’isem Kaship. Din it-talba giet milqugha u l- “answer back” gie fil-fatt mibdul;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Dwar l-ewwel eccezzjoni, is-socjeta` attrici, permezz tan-nota pprezentata fis-16 ta’ Dicembru 2002, esebiet kopja ta’ estratti mill-Att Numru XXXIII ta’ l-1997 li jirregola t-Telekomunikazzjonijiet, kif ukoll kopja ta’ l-Avviz Legali numru 238 ta’ l-1997, liema dokumenti juru li d-drittijiet tal-Korporazzjoni Telemalta gew assenjati lil Maltacom p.l.c.;

Illi s-socjeta` attrici kienet tipprovdi lis-socjeta` konvenuta Parnis England Trucking Limited servizz tat-telex bin-numru 1887 PETONX. Fl-1995, l-istess socjeta` riedet li l-answer back jinbidel ghal 1887 KASHIP peress li s-servizz kien ser jintuza minn Kama Malta Shipping Co. Fl-ittra datata 13 ta’ April 1995 (fol. 17) mibghuta lic-Chairman tas-socjeta` attrici, wiehed mid-diretturi, Joe

Bowman, qal hekk "... *the above telex number will be used by Kama Malta Shipping Co with immediate effect. They have rented offices in 60, South Street Valletta. They will assume full responsibility for the payment of bills relating to this line. Our company will no longer be liable for any bills relating to this telex line. We ask you to send over your technicians to remove our name from the answer back and to insert theirs which is KASHIP.";*

Illi Saviour Farrugia, rapprezentant tas-socjeta` attrici, fl-affidavit tieghu xehed li ma jirrizultax mill-file tas-socjeta` attrici li hija kienet irceviet l-ittra tat-13 ta' April 1995. Huwa spjega li s-socjeta` attrici kienet irceviet biss zewg faxes, li kopji taghhom huwa esebixxa u jinsabu a fol. 29 u 30 tal-process. Dawn iz-zewg faxes huma datati 28 ta' Marzu 1995 u mibghuta minn Stephen Parnis England. L-ewwel wahda tghid hekk *"Please be informed that we wish to change our telex answerback from 1887 PETONX MW to 1887 KASHIP MW."* Il-fax l-ohra tghid hekk *"Please be informed that we would like to change the name of company for our telex machine from Parnis England Trucking Limited (1887 PETONX MW) to Kama Malta Shipping Company Limited, 60 South Street, Valletta. Please bill Kama Malta directly. (They are an associate Company in our group)."*[1]

Illi l-istess Farrugia spjega illi s-socjeta` attrici ma setghetx taqbad u taqleb kont fuq isem terzi minghajr il-kunsens u l-firma ta' l-istess terzi. Qal li l-Maltacom qatt ma rceviet talba minghand il-Kama Shipping Co Limited sabiex il-kont idur fuqha. Bhala rizultat ta' dan, minkejja li l-answer back effettivament inbidel minn PETONX ghal KASHIP, il-kontijiet baqghu johorgu fuq Parnis England Trucking Limited. Mill-kopji ta' estratti minn *"The Malta Telex & Fax Directory"* (fol. 52 sa 62) jidher li fl-1994, is-servizz 1887 bl-answerback PETONX MW kien jghajjat l-abbonat Parnis England Trucking Limited, filwaqt li fl-1996, 1997 u 1998, is-servizz 1887 bl-answerback KASHIP MW kien ukoll jghajjat lill-istess abbonat, u cioe` Parnis England Trucking Limited;

---

[1] Ghalkemm fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Frar 2002 Stephen Parnis England qal li l-Kama Shipping mhix associate company taghhom.

Illi Farrugia qal li kull talba li s-socjeta` konvenuta setghet ghamlet ghat-trasferiment tal-kont ma irrizultax li giet accettata. Huwa wkoll ghamel riferenza ghall-kuntratt in kwistjoni, senjatament ghal klawsola 13 li tghid *“The Hirer (cioe` is-socjeta’ attrici) shall not assign or transfer this Agreement to another party without having first obtained the express agreement of the Corporation in writing so to do.”;*

Illi fix-xhieda tieghu tal-5 ta’ Gunju 2002, David Buttigieg, rapprezentant tas-socjeta` attrici gie mistoqsi x’inhi l-procedura li ssegwi s-socjeta` attrici meta tintalab tbiddel il-call back u anki s-subscriber. “N*ispjega li min irid ibiddel il-call back kien jikteb ittra lill-commercial representative u jiehu hsiebha hu ... biex taghmel retention huwa involut dipartiment iehor u cioe` s-sales department ... Ghal din ir-raguni hemm formoli apposta ... fuq din il-karta jkun hemm zewg firem: ta’ min qed icedi u ta’ min accetta s-servizz.”* Zied jghid li jekk iz-zewg partijiet ma jiffirmawx il-formola, ir-retention ma jdurx. Jekk il-procedura ma saritx kif ghandha ssir, it-transfer ma jsirx;

Illi jidher li s-socjeta` konvenuta qed tikkontendi li gialadarba il-Maltacom, fuq istruzzjonijiet taghha, biddlet l-isem tal-callback allura awtomatikament il-linja tat-telex giet trasferita fuq il-Kama Shipping u l-kontijiet awtomatikament kellhom jinhargu fuqha, minkejja li ma kienx hemm talba jew awtorizzazzjoni da parti ta’ l-istess Kama Shipping u wisq anqas ftehim bil-miktub f’dan is-sens mill-Maltacom. Il-klawsola numru 13 fir-rigward tas-servizz ta’ l-apparat tat-telex pero` taghmilha cara: irid ikun hemm il-kunsens bil-miktub da parti tat-Telemalta (ossia Maltacom) sabiex is-socjeta` konvenuta tittrasferixxi l-kirja tat-telex lil terzi. Li jinbidel l-isem tal-callback ma jfissirx wisq u tidher li hi biss dettal li ma jaffettwax il-kuntratt fih innifsu. Il-Maltacom ma tistax sempliciment fuq struzzjonijiet ta’ l-abbonat tat-telex, taqbad u tibda tohrog il-kontijiet fuq terza persuna. Is-socjeta` konvenuta jidher li ma kinitx infurmata da parti tas-socjeta` Maltacom li kellha timla’ retention form apposta sabiex isir it-transfer, liema formola tirrikjedi l-

firma kemm ta' l-abbonat kif ukoll tat-terza persuna. Nonostante dan, kien fl-interess ta' l-istess socjeta` konvenuta li tivverifika mal-Maltacom rigward x'kien rikjest minnha sabiex it-transfer isir, u dan anke fid-dawl tal-klawsola numru 13 li jirrikjedi l-kunsens bil-miktub tal-Maltacom sabiex il-ftehim jigi trasferit lil terzi. Fin-nuqqas ta' qbil bil-mitkub f'dan is-sens, il-posizzjoni kienet ser tibqa' l-istess. Is-socjeta` konvenuta kienet taf li finalment it-talba taghha ghat-transfer kellha tigi accettata mill-Maltacom izda dehrilha li sempliciment fax u ittra (liema ittra allegatament qatt ma waslet lill-Maltacom) kienu bizzejjed. Is-socjeta` konvenuta naqset li tassigura li takkwista xi dokument bil-miktub da parti tal-Maltacom f'dan is-sens; huwa ovvju li ftehim bil-miktub ma jistax jigi mibdul sostanzjalment (hawn qed jigi allegat tibdil proprju fil-partijiet kontraenti) unilateralment; ix-xhud Stephen Parnis England stess ammetta dwar il-klawsola imsemmija "jiena naf b'din il-klawsola u kien proprju ghalhekk li ktibna lit-Telemalta";

Illi l-posizzjoni tidher tassew cara u semplici meta wiehed jikkonsidra x'kienet tkun il-posizzjoni tas-socjeta` attrici kieku pprezentat citazzjoni kontra Kama Malta Shipping Limited!

Illi ghalhekk l-abbonat ghas-servizz tat-telex in kwistjoni f'ghajnejn il-Maltacom baqa' Parnis England Trucking Limited u l-kontijiet baqghu johorgu fuqu u huma dovuti minnu. Ma jistax ma jigix inoltre osservat li ma kien hemm ebda bdil fl-indirizz u l-korrispondenza dejjem giet indirizzata lis-socjeta` konvenuta. Dan qed jinghad bla pregudizzju ghal kull azzjoni li jista' jkollha s-socjeta` konvenuta kontra l-Kama Shipping;

Illi jidher li l-ammont mitlub mhux ikkontestat.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-Ewwel Talba;

Tilqa’ t-Tieni Talba u tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici versu s-socjeta` attrici fis-somma ta’ tlettax-il elf hames mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm13,523.00);

Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ tlettax-il elf hames mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm13,523.00) rapprezentanti kera, servizz u spejjez dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telex numru 1887;

L-ispejjez u l-imghax kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------